# PARROĊĊA SANT'ANNA WIED IL-GĦAJN

**AVVIŻI** **9 TA' DIĊEMBRU 2018**

**Magħmudija Komunitarja**
Għada l-Ħadd 9 ta' Diċembru 2018 issir il-Magħmudija bil-Quddiesa li tibda fl-10:15am.

**Tberik tal-Familji**
It-Tlieta 11 ta' Diċembru 2018 fl-4:30pm inkomplu bit-tberik tal-familji fi **Triq is-Sibbien**.

**Kunċert tal-Milied**
L-Erbgħa 12 ta' Diċembru 2018 fis-7.30pm fil-Knisja Parrokkjali jittella l-Kunċert tal-Milied organizzat mill-Parroċċa flimkien mall-Kunsill Lokali. Inħeġġukom sabiex tattendu.

**Presepju *Betlehem f'Għajnsielem* Għawdex**
Il-Ħamis 13 ta' Diċembru 2018 ser norganizaw ġurnata Għawdex fejn fost l-oħrajn ser inżuru l-presepju 'Betlehem f'Għajnsielem'. Fis-7:15am tluq minn quddiem is-Sala Sant'Anna u nkunu lura mal-vapur tas-6:00pm. Biljetti mis-sagristija jew mill-uffiċċju parrokkjali.

**Ikla tal-Milied**
Il-Ġimgħa 14 ta' Diċembru 2018 bħala Parroċċa ser norganizzaw l-ikla tal-Milied fil-Bella Vista Hotel, il-Qawra. Fit-7:45pm nitilqgħu minn quddiem is-Sala Sant'Anna.

**Novena tal-Bambin**
Is-Sibt 15 ta' Diċembru 2018 huwa l-1 jum tan-Novena tal-Bambin.
Matul in-novena tal-Bambin, wara l-quddiesa tas-7:00am nitolbu flimkien it-talba tan-novena quddiem Ġesù Ewkaristija.
Fis-6.30pm quddiesa animata mill-Kummissjoni Familja.

Il-Ħadd 16 ta' Diċembru 2018, it-2 jum tan-Novena tal-Bambin. Fis-6.00pm quddiesa animata mill-Kumitat tal-Għaqda Mużikali Sant'Anna u mill-Gruppi tal-Armar u n-Nar.

**Adorazzjoni għall-Qdusija tas-Saċerdoti**
Is-Sibt 15 ta' Diċembru 2018 fil-Knisja Parrokkjali ta' Burmarrad, fid-9:00pm tibda quddiesa u wara adorazzjoni għall-qdusija tas-saċerdoti sal-11:00pm.

**Presepju Ħaj mill-Kummissjoni Parrokkjali Tfal**
Il-Ħadd 16 ta' Diċembru 2018 wara l-quddiesa tad-9:15am ser ikollna Presepju Ħaj mill-Kummissjoni Parrokkjali Tfal bil-personaġġi u annimali ħajjin fuq iz-zuntier tal-knisja parrokkjali. Inħeġġukom sabiex nattendu.

**Ċelebrazzjoni tal-Avvent**

It-Tlieta 18 ta' Diċembru 2018 bejn is-7.00pm u d-9.00pm ser issir lejla ta' riflessjoni f'ambjent sabiħ ta' talb permezz tal-Iskrittura u mużika tal-Avvent fi żmien ta' stennija għall-festa tal-Milied. Ikun hemm is-servizz tas-Sagrament tal-Qrar.

**Tberik tal-Bambini u l-Presepji**

Il-Ħadd 23 ta' Diċembru 2018 fil-quddiesa tad-9:15am ikollna t-tberik tal-Bambini u l-Presepji. Inħeġġu lit-tfal iġibu magħhom il-Bambin jew il-Presepju li nagħtalhom din is-sena mill-Mużew jew miċ-Ċentru tad-Duttrina.

**Quddiesa tal-Milied (ta' 12:00am)**

Għall-Quddiesa tal-Milied (ta' 12:00am) inħeġġu lit-tfal sabiex min jixtieq jilbes ta' anġlu jew ta' ragħaj u jieħdu sehem fil-purċissjoni bil-Bambin fil-bidu tal-quddiesa.

***New Year's Eve Party***

It-Tnejn 31 ta' Diċembru 2018 wara l-quddiesa tas-7:30pm ser norganizzaw New Year's Eve Party fis-Sala Sant'Anna. Inħeġġukom sabiex iżommu dawn id-dati liberi sabiex tattendu u biljetti jinxtraw mill-Uffiċċju Parrokkjali.

**Siġra tal-Imħabba**

Bħas-snin ta' qabel din is-sena wkoll se norganizzaw is-Siġra tal-Imħabba. Dawn l-għotjiet ser imorru kollha għall-bżonnijiet ta' wħud mill-familji fil-bżonn tal-Parroċċa tagħna. Imdendlin mas-siġra issibu wkoll envelops li fihom ikun hemm il-bżonnijiet tat-tfal ta' dawn il-familji. Jekk jogħġobkom, min jieħu minn dawn l-envelops iġġibu dak li jkun hemm miktub fil-karta. Jekk tkun għalikom diffikultà, tistgħu tagħtu donazzjoni ta' flus u poġġuha fil-kaxxa li hemm ħdejn is-siġra. Dan hu mod ieħor kif aħna nistgħu inferrħu lil ħaddieħor fil-bżonn f'dan iż-żmien tal-Milied.

**Bazaar ta' Ponsjetti u pjanti oħra**

Fis-Sala San Ġwakkin qed jitella' l-Bazaar tal-Parroċċa li fih ser issir bejgħ ta' ponsjetti u pjanti oħra. Inħeġġiġkom sabiex tagħtu titwila.

**Torti tal-Marmolat u Mince Pies**

Mingħand il-voluntiera tagħna tistgħu tixtru Torti tal-Marmolat u Mince Pies minn fuq iz-zuntier.